# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 23**

**Rikors maħluf numru 819/2012/1 TA**

**Korporazzjoni Enemalta; u b'nota tat-2 ta' Ottubru 2014 *Enemalta plc (C-65836)* assumiet l-atti tal-kawża**

***v.***

***Waste Oils Company Limited* (C-14999)**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Settembru 2019 li laqgħet eċċezzjoni ta' preskrizz-joni taħt l-art. 2156(*f*) Kod. Ċiv. mressqa mis-soċjetà konvenuta u ċaħdet talba tal-attriċi biex tikkundanna lill-konvenuta tħallasha danni minħabba inadempiment kuntrattwali. Il-fatti li wasslu għall-kawża u r-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»F'din il-kawża din il-qorti qed tiġi mitluba tiddikjara u tordna lis-soċjetà intimata responsabbli għall-ħlas tad-danni subiti mill-korporazzjoni attriċi meta rrimwovit 3,895,000 litru ta' *waste oils*, *cioè* skart tal-prodotti tal-pitrolju, minn tank bin-numru 24 li jinstab fl-installazzjoni ta' Ras Ħanżir, Kordin li hija stallazzjoni ġestita mill-Korporazzjoni Enemalta.

»Mir-riżultanzi proċesswali joħroġ inkontestat li kien id-Dipartiment tal-Ambjent li fil-fatt ta bidu għal din il-kwistjoni. Fis-snin disgħin dan id-dipartiment xtaq jimminimizza r-rimi tal-*waste oils* fil-baħar u fil-kampanja mill-industriji, mekkaniks u vapuri li jkunu fil-portijiet kif ukoll jevita abbużi illegali ta' dawn il-prodotti fil-fran u postijiet oħra. Għalhekk dan id-dipartiment kien avviċina lis-soċjetà konvenuta sabiex jiġbor dan l-iskart.

»Billi dak iż-żmien is-soċjetà konvenuta kienet għadha ma lestietx l-impjant neċessarju sabiex taħżen u tirriċikla dawn iż-żjut, il-korporazzjoni attriċi kienet offriet it-tank RH24 f'Ras Ħanżir biex isservi bħala ħażna temporanja għall-kollezzjoni ta' *waste oils* sakemm jitlesta dan l-impjant. Is-soċjetà konvenuta bdiet tiddepożita dawn il-prodotti f'dan it-tank f'Ras il-Ħanżir wara li ġiet diretta tagħmel dan mid-dipartiment imsemmi.

»Jirriżulta li dan l-arranġament sar kollu bil-fomm iżda, permezz ta' ittra datata 9 ta' Diċembru 1998 mibgħuta liċ-*chairman* tal-korporazzjoni attriċi, is-Sur Joseph Falzon *qua* direttur tas-soċjetà konvenuta kiteb dan li ġej: "*We refer to our storage of waste oil at one of the Coporation's tanks in Ras Ħanżir Installation and advise that we shall start uplifting same as soon as our depot is in position to receive and recycle waste oil next year*". … … …

»Mix-xiehda ta' Joseph Falzon jiriżulta li s-soċjetà konvenuta tabilħaqq bdiet tiddepożita fit-tankijiet tagħha s-sena ta' wara, jiġifieri fl-1999. Dan jirriżulta mix-xiehda tas-Sur Falzon kif ukoll mir-riċevuti preżentati minnu fejn juru li hija baqgħet tiddepożita dawn iż-żjut fit-tank tal-korporazzjoni attriċi sa Awissu 1999. Iżda għal xi raġuni s-soċjetà konvenuta ma ġabritx iż-żjut depożitati minnha f'dan it-tank RH 24 malli saru disponibbli l-impjanti tagħha skont l-intenzjoni li wriet fl-imsemmija ittra tad-9 ta' Diċembru 1998.

»Jirriżulta ukoll li f'dan it-tank RH 24 f'xi drabi saru depożiti ta' materjal kemm mil-korporazzjoni attriċi stess u anke minn terżi. Is-soċjetà konvenuta saret taf b'dan wara li kienet diġà waqfet tuża dan it-tank.

»Ġara li matul is-snin is-soqfa ta' numru ta' tankijiet fi ħdan il-korporazzjoni attriċi, inkluż it-tank in kwistjoni RH24, ġew danneġjati u beda dieħel l-ilma tax-xita fihom. It-tank RH24 kien qed jibqa' jimtela bl-ilma u, biex ma jiġix f'riskju li jfur, il-korporazzjoni riedet lis-soċjetà konvenuta tiġbor il-prodott tagħha.

»Jidher li l-ewwel korrispondenza f'dan is-sens kienet permezz ta' ittra datata 14 ta' Lulju 2003 mibgħuta mill-korporazzjoni attriċi lis-soċjetá konvenuta. F'din littra l-korporazzjoni talbet lis-soċjetà konvenuta tneħħi immedjatament il-kwantità ta' *waste oils* li hija ħażnet fit-tank in kwistjoni li jinstab installat f'Ras Ħanżir. Fl-istess ittra l-korporazzjoni żiedet tinforma li sejra tesiġi ħlas fuq il-ħażna ta' dawn il-*waste oils* kif ukoll fuq it-tindif tat-tank u l-pajpijiet.

»Permezz ta' *e-mail* datata 14 ta' Lulju 2003 is-soċjetà konvenuta wieġbet u temmet li "*We disclaim any acceptance of any expenses of whatsoever nature pertaining to the storage, removal, transportation and cleaning of the tank and pipelines*". Mill-atti jirriżulta li kważi erba' snin wara l-korporazzjoni attriċi, permezz ta' ittra datata 26 ta' Frar 2007, reġgħet intimat lis-soċjetà konvenuta sabiex tneħħi mit-tank inkwistjoni l-prodott depożitat minnha.

»Mill-ittri datati 7 ta' Marzu 2007, 12 ta' April 2007, 18 ta' April 2007 u 7 ta' Mejju 2007 kif ukoll dik datata 14 ta' Mejju 2007 u l-iskambju ta' *e-mails* li saru in segwitu għall-istess ittra, jirriżulta li s-soċjetà konvenuta dejjem uriet disponibbiltà li tneħħi l-prodott depożitat minnha, iżda ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-kwantità li kienet ġiet fil-fatt depositata.

»Mix-xiehda tas-Sur Joseph Falzon jirriżulta li sabiex is-soċjetà konvenuta setghet tkun f'posizzjoni li tieħu lura dak depożitat minnha hija kellha l-ewwel tneħħi l-ilma kollu li kien hemm. Il-korporazzjoni attriċi iżda ma kinetx disposta li tidħol fi spejjeż sabiex tiddisponi mill-ilma tax-xita li niżel fit-tank li bħala kwantità kien ferm iktar mill-kwantità tal-prodotti depożitati minnha.

»Fit-30 ta' Ottubru 2009 il-korporazzjoni attriċi ħarġet *tender* għar-rimozzjoni u rimi ta', *inter alia*, *waste oil* mill-istallazzjoni ta' Ras Ħanżir. Sussegwentement fil-11 ta' Novembru 2009 l-istess korporazz-joni preżentat ittra uffiċjali permezz ta' liema interpellat lis-soċjetà konvenuta sabiex "tersaq għall-likwidazzjoni u ħlas t'ammonti dovuti għar-rimozzjoni ta' *waste oils* tagħkom depożitati fit-tankijiet tal-lorporazzjoni mittenti".

»Din it-*tender* ġiet assenjata fil-5 ta' Novembru 2010 lill-kumpannija *PT Matic Environmental Services Limited/Teseco SpA – Joint Venture*. Mix-xiehda ta' Derek Broadley jirriżulta li *PT Matic Environmental Services Limited* għamlet użu mis-servizzi tas-soċjetà konvenuta sabiex setghet tittrasporta l-prodott lejn fejn kien se jiġi rimoss. Għal dan ix-xogħol il-kumpannija *PT Matic* tħallset is-somma indikata fil-fatturi maħruġin minnha preżentati.

»Minn eżami tal-provi jirriżulta li l-azzjoni hija waħda għal danni mnissla minn ksur ta' obbligazzjoni kuntrattwali. Di fatti t-talbiet tal-korporazzjoni attriċi huma intrinsikament marbutin ma' inadempjenza mal-obbligi li assumiet is-soċjetà konvenuta *di fronte* tagħha u dan kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel.

»… … …

»Il-korporazzjoni attriċi ssostni li l-obbligu kontrattwali tas-soċjetà konvenuta – li tneħħi l-prodotti depożitati minnha fit-tank in kwistjoni malli l-faċilità tagħha ssir operattiva – joħroġ prinċipalment minn dak dikjarat mis-soċjetà konvenuta stess fl-ittra datata 9 ta' Diċembru 1998 li hija bagħtet lill-korporazzjoni attriċi. Il-qorti tifhem għalhekk li l-obblig-azzjoni li l-korporazzjoni attriċi tinsisti li ġiet assunta mis-soċjetà konvenuta hija waħda unilaterali fit-termini tal-artikolu 961(2) tal-Kodiċi Ċivili.

»Sabiex tiddetermina jekk tirriżultax rabta kuntrattwali, din il-qorti trid għalhekk tikkunsidra jekk din l-ittra tad-9 ta' Diċembru 1998 tikkostitwix kuntratt unilaterali li permezz tagħha s-soċjetà konvenuta obbligat

ruħha lejn il-korporazzjoni attriċi mingħajr ma kien hemm obbligazzjoni min-naħa ta' din tal-aħħar.

»Din il-qorti qieset din l-ittra fil-kuntest tal-provi l-oħra li tressqu, b'mod partikolari l-ittri fejn juru d-disponibbiltà kontinwa tal-korporazzjoni attriċi li tneħħi l-prodott minnha depożitat, u tikkonkludi li l-istess hija konferma bil-miktub ta' obbligazzjoni li s-soċjetà konvenuta għoġobha tassumi. Il-qorti tinnota fil-fatt li għalkemm, skont l-ittra stess, fis-sena 1998 is-soċjetà konvenuta diġà kellha "*storage of waste oil at one of the Corporation's tanks in Ras Ħanżir Installation*", il-korporazzjoni attriċi bdiet toħroġ irċevuti ta' kull ħażna ta' *waste oils* fit-tank inkwistjoni mill-korporazzjoni attriċi biss fis-sena 1999, jiġifieri wara li ntbagħtet l-imsemmija ittra datata 9 ta' Diċembru 1998. Għalhekk il-qorti għandha għalfejn tifhem li l-korporazzjoni bdiet toħroġ dawn l-irċevuti sabiex meta jasal iż-żmien li s-soċjetà konvenuta tneħħi l-ħażna tagħha mit-tank, kif wara kollox obbligat ruħha li tagħmel fl-ittra inkwistjoni, taċċerta li mit-tank jinġabar biss dik il-kwantità ta' *waste oils* indikata fl-istess.

»Minn dan kollu l-qorti tikkonkludi li bl-ittra tad-9 ta' Diċembru 1998 is-soċjetà konvenuta assumiet l-obbligu li tiġbor lura l-prodotti li hija ħażnet fit-tank tal-korporazzjoni attriċi malli tlesti l-impjant tagħha. Dan ifisser li s-soċjetà konvenuta kellha l-obbligu kuntrattwali meta hija naqset li tiġbor il-prodott tagħha hekk kif lestiet l-impjant neċessarju sabiex setgħet taħżen u tirriċikla dawn iż-żjut skont il-ftehim kontenut fl-ittra msemmija. Dan ifisser li … … … s-soċjetà konvenuta setgħet irrendiet ruħha passibbli għad-danni li l-korporazzjoni attriċi sofriet b'konsegwenza diretta tal-ksur kuntrattwali tas-soċjetà konvenuta.

»Iżda qabel ma tidħol f'dan il-mertu ta' jekk is-soċjetà konvenuta kisritx dawn l-obbligi kuntrattwali u jekk irrendietx lilha nnifisha passibbli għad-danni, hu meħtieġ li din il-qorti tikkunsidra l-ewwel l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kwintennali mqajma mis-soċjetá konvenuta a tenur tal-artikolu 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili. Jekk jirriżulta li din l-eċċezzjoni ingħatat b'suċċess allura lanqas ikun aktar meħtieg li jiġi investit il-mertu. … … …

»… … …

»… … … ladarba l-azzjoni timmira għall-kisba ta' danni minħabba nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni li ma hiex imfissra f'att pubbliku, il-perjodu preskrittiv applikabbli huwa kjarament dak ta' ħames snin.

»Skont l-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, "il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". … … …

»Id-data li tat bidu għall-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna hija deċiża-ment determinabbli oġġettivament mill-ittra tad-9 ta' Diċembru 1998 u ċjoè "*as soon as our depot is in position to receive and recycle waste oil next year*". Is-soċjetà konvenuta lestiet l-impjant neċessarju sabiex taħżen u tirriċikla dawn iż-żjut wara Awissu tas-sena 1999, hekk kif jirriżulta mix-xiehda tas-Sur Falzon kif ukoll mill-irċevuti preżentati minnu fejn juru li s-soċjetà konvenuta baqgħet tiddepożita ż-żjut fit-tank tal-korporazzjoni attriċi sa Awissu 1999.

»Isegwi għalhekk li l-perjodu preskrittiv beda jiddekorri minn Settem-bru tas-sena 1999. L-ewwel interpellazzjoni li saret mill-korporazzjoni

attriċi sabiex is-soċjetà konvenuta tiġbor il-ħażna tagħha mit-tank in kwistjoni kienet kważi erba' snin wara permezz ta' ittra bonarja datata 14 ta' Lulju 2003. Jirriżulta li l-korporazzjoni attriċi għoġobha terġa' tinterpella lis-soċjetà konvenuta kważi tmien snin wara li din lestiet l-impjant tagħha. Dan għamlitu permezz ta' ittra bonarja oħra datata 26 ta' Frar 2007. Iżda l-ittra uffiċjali li sservi sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni *ai fini* tal-artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili ġiet preżentata biss fil-11 ta' Novembru 2009, jiġifieri iktar minn għaxar snin wara li l-korporazzjoni attriċi bdiet topera l-impjant tagħha ġewwa l-Marsa.

» … … …

»… … … għandu jirriżulta evidenti li l-azzjoni setgħet faċilment titmexxa kontra s-soċjetà konvenuta minn dakinhar li hija bdiet topera l-impjant tagħha. Iżda l-korporazzjoni attriċi iddeċidiet tieħu azzjoni biss meta rat li t-tank se jfur bl-ilma tax-xita li daħal minħabba li s-saqaf kien bil-ħsara, fattur li m'għandu xejn x'jaqsam mal-inadempjenza tal-obbligu unilaterali li daħlet għalih is-soċjetà konvenuta. L-obbligu li dawn it-tankijiet jinżammu fi stat ta' riparazzjoni tajjeb żgur ma kienx jaqa' fuq is-soċjetà konvenuta.

»Minn dan isegwi li din l-azzjoni istitwita mill-korporazzjoni attriċi waqgħet preskritta għeluq il-ħames snin mid-data li fiha s-soċjetà konvenuta bdiet topera l-impjant tagħha. F'dawk il-ħames snin ma sar xejn li seta' jservi biex iwaqqfu jew jissospendu l-preskrizzjoni kwinkwennali *ai termini* tal-artiklu 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili.

»Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari u tiddikjara li t-talba attriċi hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2156(*f*) tal-Kodici Civili. Tiċħad it-talbiet kollha attriċi.

»Spejjeż tal-kawża għandhom ikunu sopportati mis-soċjetà attriċi.«

2. L-attriċi appellat b'rikors tad-9 ta' Ottubru 2019 li għalih il-konvenuta wieġbet fil-31 ta Ottubru 2019.

3. L-aggravju tal-attriċi ġie mfisser hekk:

»… … … l-akkoljiment tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mill-ewwel onorabbli qorti hija għal kollox żbaljata billi fis-sena 2007 kien hemm rikonoxximent espress da parti tas-soċjetà konvenuta tal-obbligu tagħha li tirrimwovi l-prodott tagħha mit-tank tas-soċjetà appellanti u dan iġib miegħu rinunzja tal-preskrizzjoni. Tant hu hekk li s-soċjetà konvenuta reġgħet obbligat ruħha *de novo* li tneħħi l-*waste oils* mit-tank tal-*Enemalta*, indipendentement minn dak kollu li seta' ġara qabel bejn il-partijiet.

»Fil-fatt fl-ittra ta' *Waste Oils Company Limited* lill-Korporazzjoni *Enemalta* datata 7 ta' Marzu 2007 hemm miktub espressament illi "*Waste Oils Company Limited* tinsab lesta illi tiehu lura prodott illi hi poġġiet fit-tank numru 24 fl-installazzioni ta' *Enemalta* f'Ras Ħanżir. Il-kumpanniia qiegħda tistenna struzzjonijiet mingħand il-korporazzjoni għal dan il-għan". Dan huwa mingħajr ombra ammissjoni da parti tas-

soċjetà konvenuta tal-obbligu tagħha versu s-soċjetà attriċi, jew *se mai* assunzjoni ta' obbligu ġdid versu s-soċjetà attriċi li għandha tirrimwovi l-prodott. Fil-fatt wara illi s-soċjetà attriċi wiegbet lis-soċjetà konvenuta permezz ta' ittra datata 12 ta' April 2007 l-istess soċjetà konvenuta reġgħet ikkonfermat l-obbligu tagħha li tneħħi *waste oils* meta b'ittra ohra datata 18 ta' April 2007 wieġbet hekk: "*kindly advise a convenient date and time for a meeting to further discuss the removal of waste oil from tank 24n Ras Hanzir Installation*". Ammissjoni oħra ċara daqs il-kristall li ġiet injorata mill-ewwel onorabbli qorti meta kkunsidrat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

»Għalhekk … … … f'dan il-każ ma hemm l-ebda dubju li s-soċjetà konvenuta rrikonoxxiet b'mod espliċitu l-obbligu tagħha mas-soċjetà attriċi mertu tal-kawża odjerna. … … …

»Għalhekk tenut kont l-ittri tas-soċjetà konvenuta datati 7 ta' Marzu 2007 u 18 ta' April 2007 jingħad li *se mai* l-preskrizzjoni bdiet terġa' tiddekorri minn dan ir-rikonoxximent espress da parti tas-soċjetà konvenuta tal-obbligu tagħha versu s-soċjetà attriċi, u la darba mbagħad ġiet preżentata ittra uffiċjali da parti tas-soċjetà attriċi kontra s-soċjetà konvenuta fil-11 ta' Novembru 2009 *entro* l-ħames snin u l-azzjoni attriċi ġiet preżentata fl-14 ta' Awisu 2012, isegwi li l-azzjoni attriċi mhix preskritta u allura l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tal-konvenuti abbażi tal-artikolu 2156(*f*) tal-Kap. 16 kellha tiġi miċħuda.

»Apparti minn hekk anki r-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta tikkontjeni ammissjoni tal-obbligu tagħha li tirrimwovi ż-żjut u għalhekk iġġib magħha rinunzja tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-fatt fil-paragrafu sitta (6) tar-risposta ġuramentata s-soċjetà konvenuta tgħid espressament illi "l-esponenti kienet aċċettat illi tneħħi ż-żejt skond l-arrangament, iżda kienet fl-impossibilità li taglimel dan". Ghalhekk hija tammetti l-obbligu tagħha versu s-soċjetà konvenuta filwaqt illi tgħid li fil-mertu ma tistax teżegwih.

»Tali dikjarazzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, kemm bl-ittri kif ukoll fir-risposta ġuramentata, huma kontradittorji għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u hawn japplika l-prinċipju ben stabbilit li "għall azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur b'att tiegħu spontanju ta' assunzjoni ta' ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatabbli l-posizzjoni ġuridika tiegħu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma premessa mill-liġi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni" (Vol. XXVII.i.307). … … …

»Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċezzjoni numru sebgħa (7) tas-soċjetà konvenuta hija wkoll inkompatibbli mal-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni billi hawnhekk is-soċjetà konvenuta qed tikkontesta parti mill-ispiża li għamlet l-*Enemalta* u li qed tiġi reklamata mis-soċjetà konvenuta f'din il-kawża, billi tgħid illi l-figura in kwistjoni tinkludi ukoll spejjeż ta' tindif u tneħħija tal-prodott *discharged* minn terzi (mhux tas-soċjetà konvenuta biss): "l-esponenti jikkontestaw il-flgura ta' *discharge* ta' prodott allegatament minnhom magħmul … din ma tiġġustifikax għalhekk l-ispiża pretiża, għaliex kien hemm inklużi anke spejjeż ta' tindif u tneħħija tal-prodott *discharged* minn terzi". Għalhekk hawnhekk għandna eċċezzjoni dwar il-*quantum* tal-ispejjeż *ossia* d-danni pretiżi mis-soċjetà attriċi minħabba l-ksur tal-obbligu

kuntrattwali tas-soċjetà konvenuta tant li anki ngħabu provi dwar kemm mill-ispiża kellha tħallas is-soċjetà konvenuta.

»… … … eċċezzjoni bħal din tinnewtralizza l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u huwa irrilevanti illi l-eċċezzjoni in kwistjoni ngħatat "mingħajr preġudizzju" għall-eċċezzjonijiet l-oħra.«

4. Il-konvenuta wieġbet hekk:

»Kienet korretta l-ewwel qorti meta … irrieniet illi l-perijodu preskrittiv beda jiddekorri minn Settembru 1999. Fil-fatt l-istess qorti iddeterminat illi "d-data li tat bidu għall-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna hija deċiżament determinabbli oġġettivament mill-ittra tad-9 ta' Diċembru 1998 u *ċioè* "*as soon as our depot is in a position to receive and recyle waste oil next year*".

»Dan ifisser illi l-azzjoni attriċi setgħet tigi oġġettivament eżerċitata minn Settembru 1999 u li t-terminu ta' preskrizzjoni beda dik il-ġurnata.

L-esponenti jirribattu illi l-ittri tas-soċjetà konvenuta datati 7 ta' Marzu 2007 u 18 ta' April 2007 huma b'xi mod rinunzja jew rikonoxximent ta' preskrizzjoni. L-esponenti obbligat ruħha li tneħħi ż-żejt malli l-impjant tagħha jkun lest u operabbli. Din l-aċċettazzjoni tal-esponenti li tneħħi ż-żejt malli tkun tista' ma hija b'ebda mod rinunzja ta' preskrizzjoni. L-unika effett ta' dan l-aġir anzi kien illi l-esponenti tat lok għal dritt ta' azzjoni li l-attriċi setgħet effettivament teżegwi imma li għażlet li tibqa ma tezerċitax sakemm rat li t-tank kien ser ifur bl-ilma tax-xita li kien daħal minħabba li s-saqaf kien bil-ħsara.

»Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh illi l-azzjoni kif formulata fit-termini hija illi "tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata kellha obbligu li tirrimwovi l-prodott depożitat minnha fit-tankijiet" u konsegwenti talba għal kundanna u ħlas ta' danni minħabba allegat nuqqas u inadempjenza "tiddikjara li n-nuqqas tas-soċjetà intimata illi teżegwixxi dan l-obbligu ikkawża danni lill-korporazzjoni li kellha hi a spejjeż tagħha tneħħi l-prodott hekk depożitat mis-soċjetà intimata".

»Kif inhuwa magħruf rinunzja jew rikonoxximent irid ikun ċar, espliċitu u jirrikonoxxi responsabilità. Dawn l-ittri kienu rikonixximent ta' obbligu ta' tindif iżda ċertament mhux responsabilità f'danni jew almenu pretensjoni f'danni; ammissjoni jew rikonoxximent bħal f'debitu jew kompensazzjoni jew kontestazzjoni li l-ammont pretiż huwa qawwi.

»Hemm differenza fejn il-konvenuta taċċetta illi malli tkun tista tirrimwovi l-prodott għal li tammetti u tirrikonoxxi responsabilità fid-danni. Ċertament illi la l-intenzjoni u lanqas il-portata oġġettivament lingwistika taż-żewġ ittri kienu illi ssir xi rinunzja ta' preskrizzjoni jew ammissjoni ta' responsabilità: kull ma kienu assunzjoni illi s-soċjetà kellha tneħħi l-materjali, illi hija differenti milli taċċetta responsabilità għal danni.

»Bħala fatt it-termini involuti kienu illi l-azzjoni setgħet issir f'Settembru 1999. L-allura korporazzjoni attriċi tħarrket f'Novembru 2009 meta fil-11 ta' Novembru 2009 bagħtet ittra uffiċjali u l-proċeduri gew istitwiti fl-14 ta' Awissu 2012. Jiġifieri l-attriċi baqgħet inattiva minn Settembru 1999 sa Novembru 2009.

»… … …

»… … … ir-rinunzja trid tkun ċara u espliċita, u trid tirreferi speċifikament għal pretensjoni u l-ammissjoni trid tkun inekwivoka, volontarja u konsapevoli. Ċertament illi dawk l-ittri ma kinux konsapevoli ta' xi pretensjoni għal danni li twieldet wara. Diffiċli illi jiġi argumentat illi pretensjoni għal danni avanzata l-ewwel fl-2009 hija rinunzjata fl-2007. Rilevanti illi kollox *juxta allegata et probata.* Finalment, fil-każ ta' dubju, il-qorti għandha tinklina favur li taċċetta u mhux li tiċħad il-preskrizzjoni. Fuq dan l-aggravju, appena jigi osservat illi, fis-sottomissjoni tal-esponenti, korretta kienet l-ewwel qorti li ikkategorizzat il-pretensjoni attriċi bħala waħda kontrattwali, anke jekk unilateralment, u allura t-terminu ta' preskrizzjoni huwa ta' ħames snin mill-mument li l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata.

»Aggravju ieħor fir-rikors tal-appell huwa illi hemm inkompatibilità bejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjonijiet l-oħra mqajma. L-ewwel jiġi osservat illi l-eċċezzjonijiet sussegwenti għall-ewwel waħda, li kienet il-preskrizzjoni, kienu kollha illi jiċħdu u jikkontestaw it-talbiet attriċi – ma kien hemm ebda waħda minnhom li b'xi mod tista' timporta ammissjoni, anke kwalifikata, tat-talbiet – bħal li l-ammont tħallas, li huwa eċċessiv. L-esponenti dejjem qalet illi xejn ma huwa dovut. Anzi dejjem ikkontestat fil-mertu.

»Għandu jingħad ukoll illi din is-sottomissjoni ta' inkompatibilità ta' din l-eċċezzjoni tqajmet l-ewwel darba f'dan l-istadju tal-appell, fir-rikors tal-appell. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ma hemm ebda aċċenn għaliha.«

5. Ir-responsabilità għal danni kuntrattwali hija konsegwenza ta' inadempiment ta' obbligazzjoni kuntrattwali; għarfien ta' dik l-obbligazzjoni huwa għalhekk neċessarjament ukoll għarfien tal-konsegwenzi tal-inadempiment ta' dik l-obbligazzjoni. Ma hemmx dik ix-xissjoni li qiegħda tara l-konvenuta bejn "rikonixximent ta' obbligu" u "responsabilità f'danni" jekk ma twettaqx dak l-obbligu. Talba għall-ħlas ta' danni hija ekwivalenti għal talba għat-twettiq ta' obbligazzjoni meta dak it-twettiq ma għadux jista' jseħħ, u, sakemm l-obbligazzjoni nfisha ma tkunx waqgħet bi preskrizzjoni, daqstant ieħor l-obbligazzjoni li tħallas id-danni għal inadempiment ta' dik l-obbligazzjoni ma tkunx waqgħet bi preskrizzjoni.

6. B'ittra tas-7 ta' Marzu 2007[1] is-soċjetà konvenuta għarrfet lill-attriċi illi "*Waste Oils Company Limited* tinsab lesta illi tieħu lura l-prodott li hi poġġiet fit-tank numru 24 fl-istallazzjoni tal-*Enemalta* f'Ras Ħanżir*"*. B'ittra oħra tat-18 ta' April 2007[2] stiednet lill-attriċi sabiex "*advise a convenient date and time for a meeting to further discuss the removal of waste oil from tank 24 in Ras Ħanżir installation*".

7. Dan huwa għarfien tal-obbligazzjoni – li l-partijiet jaqblu mal-ewwel qorti illi għandha titqies bħala obbligazzjoni kuntrattwali – li kienet refgħet il-konvenuta b'ittra tad-9 ta' Diċembru 1998[3] meta għarrfet lill-attriċi "*We refer to our storage of waste oil at one of the Coporation's tanks in Ras Ħanżir Installation and advise that we shall start uplifting same as soon as our depôt is in position to receive and recycle waste oil next year*". L-obbligazzjoni mela baqgħet torbot mit-18 ta' April 2007 meta l-konvenuta reġgħet għarfitha.

8. Billi – għal xi raġuni li ma tifformax parti mill-meritu ta' dan l-appell – il-konvenuta baqgħet ma għamlitx dak li ntrabtet li tagħmel, l-attriċi b'ittra ġudizzjarja tal-11 ta' Novembru 2009[4] notifikat lill-konvenuta fis-16 ta' Novembru 2009[5] sejħet lill-konvenuta biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni minħabba inadempiment tal-obbligazzjoni. Imbagħad fl-14 t'Awwissu 2012 fetħet il-kawża tallum.

---

1 *Fol*. 11
2 *Fol*. 13
3 *Fol*. 9
4 *Fol.* 7
5 *Fol. 8*

9. Billi bejn l-għarfien tal-obbligazzjoni f'April tal-2007 u l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni bl-ittra ġudizzjarja ta' Novembru 2009, u bejn l-interruzzjoni tal-2009 u l-ftuħ tal-kawża fl-2012 ma għaddewx ħames snin, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*f*) Kod. Ċiv. ma kellhiex tintlaqa'.

10. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

11. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom is-soċjetà konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm